**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 559/20**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-vs-**

**JOSEPH DEBONO**
**(K.I. 413065M)**

**Illum, 18 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi **JOSEPH DEBONO** detentur tal-karta ta' l-identita 413065M, tressaq quddiemha akkuzat talli fis-16 ta' Ottubru 2020 ghal ħabta ta' 8.00 p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-Marsa u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. Ikkaġuna lil eks sieħba tiegħu u ċioe' Diane Degabriele, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;

2. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lil Diane Degabriele, taghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih;

3. Kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Mgt Dr. C. Galea LL. D, datata 7 ta' Novembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;

U aktar talli nhar is-16/10/2020 ghal ħabta ta' 8.00 p.m. ġewwa il-Marsa:-

4. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Diane Degabriele, hekk kif iċċertifikat Dr. Maria Borg (Med Reg 2206) miċ-ċentru tas-saħħa Floriana;

5. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;

6. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmijja band' oħra fil-kodici kriminali;

8. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Diane Degabriele;

9. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

U talli nhar it-02 ta' Ottubru 2020 ghal ħabta ta' 7.00 p.m. ġewwa il-Marsa:-

10. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Diane Degabriele, hekk kif iċċertifika Dr. Marcel Schembri (Med Reg 1460 miċ-ċentru tas-saħħa Raħal Gdid;

11. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;

12. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

13. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmijja band' oħra fil-kodici kriminali;

14. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Diane Degabriele;

15. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat , inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Joseph Debono a benefiċju ta' Diane Degabriele u 'l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Diane Degabriele jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Joseph Debono b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijijet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami jwiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha;

Rat illi gew osservati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti fattwalment issospendiet il-prezentata sabiex taghtih zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u wara li fissritlu l-piena erogabbli ghal kull wahda.

Rat id-dokumenti kollha prodotti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi kollha li jinsab mixli bihom, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u bhala qorti ta' gudikatura kriminali, ghandha tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-istess imputat dik is-sentenza li ghandha tinghata fil-konfront tieghu skont il-ligi.

Dan huwa kaz naxxenti mit-terminazzjoni tar-relazzjoni bejn l-imputat u Diane Degabriele, is-siehba precedenti tieghu u omm iz-zewg uliedu. Evidentement, l-imputat sabha difficli ferm jaccetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni taghhom wara diversi snin flimkien, u jidher li kienet proprju din il-frustrazzjoni li qanqlet fih rabja li sarrfet f'imgieba aggressiva, kontrollanti u vjolenti li lahqet il-qofol taghha f'dawn l-ahhar gimaghtejn, kif deskritt mill-istess Diana Degabriele fir-rapporti li saru lill-Pulizja (Dok. EH4 u EH5) u fir-*risk assessment* kondott mid-*Domestic Violence Unit* fi hdan l-Agenzija Appogg, fis-16 ta' Ottubru 2020 (Dok. EH9).

Minn ezami tal-atti u mis-sottomissjonijiet li saru mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza, jirrizulta illi l-imputat, minflok gharaf li kellu jzomm pass lura u jaghti widen lit-twissija li nghatatlu mill-Pulizija sabiex ma jkomplix

jaghmel kuntatt ma' Diana Degabriele[1] halli jigu evitati iktar incidenti, ippersista f'dan l-agir abbuziv, kompla jaghmel kuntatt maghha, agixxa vjolentement u aggrediha darbtejn fuq medda ta' gimaghtejn fejn ikkagunalha griehi hfief fiz-zewg okkazzjonijiet, oltre li sawwat ukoll lil terza persuna li kienet fil-kumpannija taghha.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li sawwat lil Diana Degabriele sija fit-2 ta' Ottubru 2020 u sija wkoll fis-16 ta' Ottubru 2020 u stqarr ukoll illi kisser il-hgieg tal-karozza taghha. Quddiem il-Qorti, kif inghad, l-imputat ammetta li hebb ghal Diana Degabriele, omm uliedu, u kkagunalha offizi ta' natura hafifa f'zewg okkazzjonijiet, liema offizi jinsabu deskritti fic-certifikat mediku Dok. EH8.

Din il-kondotta abbuziva, oltre li kienet wahda ripetuta, evidentement holqot fastidju lil Diana Degabriele kif ukoll gieghlitha tibza' ghas-sigurta` taghha. Il-Qorti fehmet ukoll illi din l-imgieba tal-imputat hija dovuta ghal problemi ta' nuqqas ta' kontroll xieraq tar-rabja u ghalhekk din il-problema jehtieg li tigi indirizzata.

Mill-fedina penali pjuttost refrattarja tal-imputat, jirrizulta illi huwa gie kkundannat illi hebb ghal persuni ohrajn u kkagunalhom griehi f'zewg okkazjonijiet precedenti. Kemm hu hekk, huwa nghata sentenza ta' prigunerija ta' xahar, sospiza ghal sena, fis-7 ta' Novembru 2019 proprju ghaliex instab hati li hebb ghal zewg persuni ohrajn u kkaguna griehi hfief lil wahda minnhom.

Bl-ammissjoni bla rizerva tieghu, l-imputat ammetta wkoll illi huwa kkommetta r-reati li jinsab mixli bihom illum, waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza. Wara li hadet qies tal-fedina refrattarja tal-imputat u tax-xorta tar-reati li qed jinstab hati taghhom illum permezz tal-ammissjoni

[1] Ara rapport tal-okkorrenza datat 2 ta' Ottubru 2020.

tieghu, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28B(2) tal-Kap. 9 u konsegwentement, tqis li ghandha ssir l-ordni a tenur tas-subartikolu (1) tal-istess Artikolu 28B u tordna illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Novembru 2019, tidhol fis-sehh.

L-imputat ammetta wkoll ghar-reat taht l-Artikolu 251A tal-Kap. 9, lilu addebitat fl-ewwel imputazzjoni. Dan huwa r-reat tal-fastidju, liema reat fic-cirkostanzi, huwa aggravat bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 251H, 251HA u 202 tal-istess Kap. 9 minhabba li gie kommess kontra s-siehba precedenti tieghu li hija wkoll persuna li ghandha ulied minghandu.

B'zieda mar-reat taht l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 - li huwa r-reat l-iktar gravi addebitat lill-imputat - huwa ammetta wkoll ghal diversi kontravvenzjonijiet, ghar-reat taht l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 kif ukoll ghal zewg akkuzi li wettaq ir-reat taht l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9, cioe` li kkaguna offizi hfief fuq il-persuna ta' Diana Degabriele liema reati huma wkoll aggravati b'effett tal-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 222(1)(a) u l-Artikolu 202(h) tal-Kap. 9.

Fl-istess waqt izda, il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u anke waqt l-interrogazzjoni tal-imputat kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu esebita in atti. Hadet qies ukoll tal-fatt illi l-imputat jidher li sab diffikolta` li jaccetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni li kellu fuq medda ta' tant snin mas-siehba precedenti tieghu.

Madanakollu, il-Qorti taghmilha car bl-iktar mod vociferu li kull xorta ta' perpetrazzjoni ta' vjolenza privata u fastidju, inkluz dik li tigi xprunata mit-terminazzjoni ta' relazzjoni, hija kundannabbli, ikunu xi jkunu c-cirkostanzi, *multo magis* cirkostanzi bhal dawk odjerni fejn l-imputat

evidentement hass li seta jikkontrolla lil omm uliedu b'agir persistenti kif ukoll jaggrediha fizikament bl-iktar mod salvagg, semplicement ghaliex ma setax jaccetta li hi ma tridx tibqa' iktar f'relazzjoni mieghu. Tqis ukoll fic-cirkostanzi li jehtieg li tipprovdi ghas-sigurta` ta' Diana Degabriele minn fastidju u minn kull imgieba tal-imputat li jikkaguna biza' ta' vjolenza.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202(h), 214, 221(1), 222(1)(a), 251A, 251H, 251HA, 338(bb), 338(dd), 338(m), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qieghda ssib lil JOSEPH DEBONO hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah sena prigunerija effettiva, kif ukoll multa ta' mitejn Euro (€200).**

**Bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tittratta ma' JOSEPH DEBONO dwar is-sentenza sospiza moghtija fis-7 ta' Novembru 2019 billi tordna illi din is-sentenza ghandha tibda ssehh.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Diana Degabriele kontra fastidju u imġieba ohra tal-hati li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess JOSEPH DEBONO a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati**

**JOSEPH DEBONO sabiex jinghata trattament ghall-kontroll ta' rabja u dan ghal perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.**

**Tordna li din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti sabiex jimxi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28B(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-hati minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Novembru 2019.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**